

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1568**tat-28 ta' Lulju 2023****li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK ⁽¹⁾, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK).
- (2) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 ⁽²⁾ b'reazzjoni għat-tfixkil tal-proċess elettorali u għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 emendat id-Deċiżjoni 2010/788/PESK u introduċiet miżuri restrittivi addizzjonali fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.
- (3) Fis-7 ta' Lulju 2023, ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni dwar is-sitwazzjoni fir-RDK, fejn esprima tħassib serju dwar is-sitwazzjoni umanitarja u tas-sigurtà li sejra għall-agħar u kundanna għal-livelli ta' vjolenza u l-atroċitajiet li għadhom qed isiru fil-konfront tal-popolazzjoni ċivili minn gruppi armati mhux governattivi.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fir-RDK, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li l-kriterji għall-inklużjoni fl-Artikolu 3(2), il-punt (d) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK jiġu emendati biex jippermettu l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/788/PESK tiġi emendata skont dan.
- (6) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni biex jiġu implimentati ċerti miżuri f'din id-Deċiżjoni,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) li jappoġġaw lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK;”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336I, 12.12.2016, p. 7).

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS
